



Stqarrija għall-Istampa

Il-Lussemburgu, it-28 ta' Jannar 2020

Jinħtieġ' użu akbar tat-teknoloġiji ġodda ta' immaġni fil-monitoraġġ tal-agrikoltura, jgħidu l-Awdituri tal-UE

Skont rapport ġdid li nħareġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, il-Kummissjoni Ewropea ppromwoviet l-adozzjoni ta' teknoloġiji ġodda ta' immaġni fil-monitoraġġ tal-agrikoltura, iżda għad hemm ammont ta' xkiel għall-użu aktar mifrux tagħhom. Teknoloġiji ġodda bħas-satelliti Copernicus Sentinels tal-UE għandhom il-potenzjal li jgħibu bidla radikali fil-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni (PAK). L-awdituri jgħidu li, madankollu, filwaqt li fi snin reċenti l-UE stimolat l-użu ta' dawn it-teknoloġiji għall-valutazzjoni tal-għajjnuna diretta bbażata fuq l-erja, li tingħata lill-bdiewa, il-progress seħħ aktar bil-mod f'dak li jirrigwarda l-użu tagħhom għall-monitoraġġ tar-rekwiżiti ambjentali u klimatiċi.

L-aġenziji tal-pagamenti fl-Istati Membri ilhom mill-2018 illi jistgħu jużaw *data* tal-Copernicus Sentinels u teknoloġiji ġodda oħra, bħal ritratti mmarkati bil-post ġeografiku u droni, għall-valutazzjoni tal-konformità tal-bdiewa mar-regoli tal-PAK. Din il-valutazzjoni awtomatizzata, imsejħa "verifiki permezz tal-monitoraġġ", tagħmilha possibbli li jiġu identifikati l-għelejjel u li jiġu mmonitorjati attivitajiet (bħal ħdim tar-raba', ħsad, u qtugħ tal-ħaxix) fuq irqajja' art agrikoli individwali matul l-istaġun tat-tkabbir. L-approċċ ġdid jista' jnaqqas ukoll l-ispiża tal-verifiki filwaqt li jagħmilha possibbli li jiġu mmonitorjati l-bdiewa kollha (minflok ma jiffoka fuq kampjun minnhom). L-awdituri eżaminaw jekk il-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri kinux għamlu biżżejjed biex jisfruttaw il-benefiċċji potenzjali ta' dawn it-teknoloġiji ġodda għall-ġestjoni u l-kontroll tal-PAK.

Huma sabu li l-Kummissjoni kienet attiva fil-promozzjoni u l-appoġġ tal-użu ta' teknoloġiji ġodda ta' immaġni. Hija kienet emendat il-qafas legali biex id-*data* tas-Sentinels tintuża għall-monitoraġġ tal-għajjnuna skont l-erja fil-għamla ta' pagamenti diretti, u b'hekk għamlitu aktar ċar. F'Mejju 2018, għall-ewwel darba fl-Italja, aġenzija tal-pagamenti bdiet tuża "verifiki permezz tal-monitoraġġ" fi provinċja waħda (Foggia, il-Puglia). Fl-2019, 15-il aġenzija tal-pagamenti (fil-Belġju, id-Danimarka, l-Italja, Malta u Spanja) użaw dan l-approċċ ġdid għal xi wħud mill-iskemi tagħhom. Fi 8 Stati Membri oħra, hemm 13-il aġenzija tal-pagamenti oħra li biħsiebhom jibdedw din is-sena għal xi skemi ta' għajjnuna u għal parti mill-erja li huma responsabbli għaliha.

L-awdituri jidentifikaw ammont kbir ta' xkiel attwali għall-użu aktar mifrux ta' dawn it-teknoloġiji ġodda. Tħassib wieħed ta' dawn l-aġenziji tal-pagamenti huwa li l-Kummissjoni tista' tqajjem

L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tar-rapport speċjali maħruġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Ir-rapport sħiħ jinsab fuq eca.europa.eu.

ECA Press

12, rue Alcide De Gasperi – L-1615 Luxembourg

E: press@eca.europa.eu @EUAuditors eca.europa.eu

dubji dwar id-deċiżjonijiet li jkunu ttieħdu fuq il-bażi ta' verifiki permezz tal-monitoraġġ. Minbarra dan, l-applikazzjoni tal-approċċ ġdid tirrikjedi bidliet sinifikanti għall-proċeduri u s-sistemi tal-IT li jintużaw mill-aġenziji tal-pagamenti. Il-Kummissjoni ħadet inizjattivi biex tiffaċilita u tistandardizza l-aċċess għad-*data* tas-Sentinels permezz tas-servizzi bbażati fuq il-cloud, iżda l-adozzjoni tagħhom għal skopijiet operazzjonali għadha f'livell baxx. Hija ffinanzjat ukoll xi proġetti ta' riċerka li kienu rilevanti, iżda r-riżultati tagħhom għad iridu jiġu sfruttati.

Sal-lum, ix-xogħol tal-Kummissjoni ta prijorità lill-użu ta' teknoloġiji ġodda għall-monitoraġġ ta' skemi ta' pagamenti diretti ibbażati fuq l-erja, aktar milli għal rekwiżiti ambjentali u klimatiċi. Fl-2019, l-ebda waħda mill-aġenziji tal-pagamenti ma implimentat verifiki permezz tal-monitoraġġ għal dawn ir-rekwiżiti kundizzjonali u l-iskemi ta' iżvilupp rurali. Parzjalment, dan huwa minħabba li għadd minnhom ma jistgħux jiġu mmonitorjati permezz tad-*data* tas-Sentinels biss. L-awdituri sabu wkoll li, fil-biċċa l-kbira, il-ġabra proposta ta' indikaturi tal-prestazzjoni għall-PAK tal-ġejjieni ma kinitx imfassla għal monitoraġġ dirett permezz tad-*data* tal-Copernicus Sentinels.

Billi attwalment qed titfassal il-PAK ġdida għall-perjodu 2021-2027, l-awdituri jirrakkomandaw li l-Kummissjoni Ewropea:

- twestaq promozzjoni tal-approċċ ta' verifiki permezz tal-monitoraġġ bħala sistema ta' kontroll ewlieni għall-aġenziji tal-pagamenti, pereżempju billi tidentifika sinerġiji għall-ipproċessar, ħżin jew kisba ta' *data* tas-satelliti;
- tagħmel użu aħjar minn teknoloġiji ġodda għall-monitoraġġ tar-rekwiżiti ambjentali u klimatiċi u tiżviluppa pjanijiet ta' azzjoni biex jitneħħa x-xkiel li jkun hemm għall-adozzjoni usa' tagħhom.

Noti lill-Edituri

Il-politika agrikola komuni għandha storja twila f'dak li jirrigwarda l-użu ta' immaġnijiet bis-satellita jew mill-ajru għall-verifikazzjoni tal-għajjnuna bbażata fuq l-erja, li llum tirrappreżenta kważi 80 % tal-finanzjament mill-UE għall-agrikoltura u l-iżvilupp rurali. Filwaqt li dawn l-immaġnijiet is-soltu jkollhom riżoluzzjoni spazjali għolja ħafna, qabel l-2017 dawn ma kinux disponibbli ta' spiss biżżejjed biex jiġu verifikati l-attivitajiet li kienu jseħħu fuq art agrikola matul is-sena.

Ir-Rapport Speċjali Nru 4/2020 "L-użu ta' teknoloġiji ġodda ta' immaġni għall-monitoraġġ tal-Politika Agrikola Komuni: b'mod ġenerali sar progress kostanti, iżda għall-monitoraġġ tal-klima u tal-ambjent dan seħħ aktar bil-mod" huwa disponibbli fuq is-sit web tal-QEA (eca.europa.eu) bi 23 lingwa tal-UE.

Reċentement, l-awdituri ppubblikaw ukoll Previżjoni ta' Awditu li se jsir dwar [l-assi spazjali tal-UE](#) u l-użu tagħhom.

Il-QEA tippreżenta r-rapporti speċjali tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tal-UE, kif ukoll lil partijiet ikkonċernati oħra bħall-parlamenti nazzjonali, il-partijiet ikkonċernati tal-industrija u r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili. Il-maġġoranza l-kbira tar-rakkomandazzjonijiet li nagħmlu fir-rapporti tagħna jiddaħħlu fil-prattika.

Kuntatt għall-Istampa għal dan ir-rapport

Vincent Bourgeais – E: vincent.bourgeais@eca.europa.eu

T: (+352) 4398 47502 / M: (+352) 691 551 502

